41997D0034

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT EŻEKUTTIV
tal-15 ta' Diċembru 1997
dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta dwar format uniformi għal permessi ta' residenza

(SCH/Kumm-ex (97)34 rev.)

IL-KUMITAT EŻEKUTTIV

Wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Schengen"),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 134 tal-Konvenzjoni hawn fuq imsemmija,

Wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Grupp Ċentrali ta' l-14 ta' Mejju 1997,

Filwaqt li jfakkar ir-riżultat tal-laqgħa tal-Grupp Ċentrali tat-28 ta' Ottubru 1997,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

L-Istati Schengen għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jimplimentaw l-Azzjoni Konġunta tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar il-format uniformi għal permessi ta' residenza (97/11/JHA Azzjoni Konġunta (ĠU L 7, ta' l-10.1.1997, p. 1)) malajr kemm jista' jkun, jekk ikun meħtieġ jagħmlu dan f'diversi fażijiet, qabel jagħlqu l-perjodi transitorji stipulati fl-Azzjoni Konġunta.

Vjenna, il-15 ta' Diċembru 1997.

Il-President

K. SCHLÖGL